MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Appell Civili Numru. 461/2003/1

**Bonalco Aluminium Limited**

**vs**

**John Peresso**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Marzu, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat is-17 ta' Settembru tas-sena 2003 li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:
>
> 1. Illi jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u tnax –il

centezmu, (LM1,853.12,0), rapprezentanti bilanc dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici ghal bejgh u konsenja ta' oggetti;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-14 ta' Mejju tas-sena 2003, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sad-data tal-eventwali hlas – ilkoll kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher in subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-1 ta' Dicembru tas-sena 2007 li permezz taghha l-konvent eccepixxa s-segwenti:

1. In linea preliminari l-eccipjent mhux il-legittimu kontradittur;

2. Illi in linea preliminari l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2148 (a) (b) tal-Kapitolu 16;

3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu l-eccipjent mhux debitur ta' l-attur ghal kwalsiasi prezz kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Bl-ispejjez;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ezaminat l-affidavitijiet ipprezentati;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-procedura odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi hu allegat mis-socjeta’ attrici li l-konvenut personalment kien ilu jixtri materjal ta’ aluminium u accessorji ohra inghand is-socjeta’ attrici;

2. Illi l-ammont indikat fl-avviz hu dak allegatament dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attrici;

3. Illi l-konvenut jichad li qatt innegozja fil-kapacita’ tieghu pesonali mas-socjeta’ attrici;

4. Illi jsostni li minflok hu kien jinnegozja maghha tramite kumpanija bl-isem ta’ “John Peresso Aluminium Limited”, liema intrapriza llum stante li waqfet topera definittivament fis-sena 2003, izda ma gietx xolta;

5. Illi di piu’, l-istess konvenut isostni li qabel ma giet intavolata din il-procedura partikolari hu qatt ma rceva l-ebda att gudizzjarju mis-socjeta’ attrici rigward il-meritu minnha hawn vantat;

6. Illi ghalkemm xi pagamenti gew regolarment imhallsa lis-socjeta’ attrici mill-konvenut personalment, dan bl-ebda mod ma jbiddel in-natura tal-persuna li dahlet fin-negozju mas-socjeta’ attrici;

Ghaldaqstant din il-qorti ma tqisx li s-socjeta’ attrici ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi u tirrespingi t-talbiet hemm kontenuti bl-ispejjez.**”**

Huma tlieta l-objezzjonijiet li s-socjeta` attrici ggib ‘il quddiem fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza, u cjoe:-

(1) Is-sentenza hi nulla ghax nieqsa minn motivazzjoni preordinatament ghal parti decisiva taghha;

(2) L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u ma hadetx in konsiderazzjoni fatti pertinenti ghal kaz;

(3) Inoltre, l-istess Qorti ma okkupatx ruhha mill-eccezzjonijiet dwar il-legittimu kontradittur u l-preskrizzjoni opposta;

Fil-kaz ta' l-ewwel objezzjoni jrid jinghad, qabel xejn, illi hi affetta minn nullita` b' mod assolut dik is-sentenza li tirrizulta ghal kollox priva minn esposizzjoni tal-motivi ta' fatt u ta' dritt li fuqha hi bazata d-decizjoni. Lanqas ma tista' tigi legittimament konsiderata bhala motivazzjoni, a norma ta' l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12, dik il-motivazzjoni merament apparenti, izda mhux ukoll intrinsikament idoneja biex minnha wiehed ikun jista' jippercepixxi sew ir-ragunijiet li tqeghdu ghab-bazi tad-decizjoni. Fuq dan il-principju din il-Qorti ssoffermat bosta drabi f' appelli lilha minn kull xorta ta' sentenzi mit-tribunali, sija amministrattivi, kwazi-gudizzjarji jew gudizzjarji, u mhux il-kaz li toqghod ittawwal anke hawnhekk, jekk mhux forsi biex tirrepeti l-osservazzjoni illi "l-motivazzjoni kienet ta' essenza tal-gudizzju u ma jistax jinghad li jkun qed jidher li ssir gustizzja jekk il-partijiet in kawza ma jinghatawx almenu s-sodisfazzjon minimu tar-raguni li wasslet lil gudikant ghad-decizjoni tieghu". ("**Cauchi Ltd -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000);

Ferma din l-introduzzjoni, fil-kaz in ispecje l-ezami tas-sentenza appellata ghall-iskop li jkun mistharreg jekk l-ewwel Qorti adempietx l-obbligu tal-motivazzjoni jaghti bhala rizultat illi, anke jekk insufficjenti, jezistu elementi bastanti li jillustraw il-perkors tar-ragonament segwit minn dik il-Qorti ghall-formazzjoni tal-konvinciment taghha fl-akkoljiment tad-difiza tal-konvenut illi huwa ma kienx il-legittimu kontradittur ghax ma kienx ikuntratta f' ismu personali. Huwa veru li biex waslet ghall-motivazzjoni taghha u ghar-*ratio decidendi* tas-sentenza, il-Qorti strahet kwazi ghal kollox fuq ir-rizultanzi istruttorji forniti mill-konvenut u mhux fuq l-assjem tal-provi. Dan pero` ma jgibx ghal daqshekk illi s-sentenza hi radikalment nieqsa minn motivazzjoni. Se mai, li dik il-motivazzjoni hi skematika zzejjed u nieqsa minn razzjonalita meta

mqeghda fil-qafas tar-rizultanzi probatorji fil-kompletezza taghhom. Qaghda din li trid tigi analizzata fil-konsiderazzjoni tat-tieni aggravju sottomess. Intant, l-ewwel ilment qed jitqies insostenibbli;

Mill-percezzjoni unitarja u komplessiva taghha ta' l-elementi varji tal-provi, processwalment akkwiziti, din il-Qorti tistqarr illi l-valutazzjoni taghhom iwassalha ghal konkluzjoni opposta ghal dik ta' l-ewwel Qorti;

Is-socjeta` attrici tipprovdi elenku ta' fatti estratti mill-provi biex tiddenuncja n-nuqqas ta' apprezzament dwarhom mill-ewwel Qorti. *Inter* alia, li,

(i) Il-konvenut personalment kien ilu minn qabel il-formazzjoni tas-socjeta` tieghu f' rapport negozjali maghha. Hekk ix-xhud Noel Abela, li pprogramma l-*accounting system* fil-kompjuters tas-socjeta` attrici, jafferma li l-ewwel transazzjoni sehhet fil-31 ta' Jannar 1993 dwar liema nfetah il-kont PJ02 (ara Affidavit tieghu a fol. 110). Invece, il-kumpanija twaqqfet fl-1994 (ara Affidavit tal-konvenut a fol. 13);

(ii) Ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici jafferma illi s-socjeta` tieghu qatt ma giet informata mill-konvenut li dan kien stabilixxa kumpanija ghall-attivitajiet tieghu, tant li l-Code Number (PJ02) qatt ma nbidel minn dak originarjament iffissat. Ara Affidavit ta' Rosario Bonnici a fol. 49 u x-xhieda in kontroezami, a fol. 192. Bil-kontra, il-konvenut jghid li hu kkomunika din l-informazzjoni anke jekk ma jafx hux bil-fomm jew bil-miktub. Agguntivament, jakkampa ruhu fuq l-ittra tas-socjeta` attrici lilu mibghtua fil-11 ta' Ottubru 2002 (ara kopja a fol. 206) li tindika l-isem tal-kumpanija tieghu. Fl-istess waqt jaccetta li l-*account* tieghu dejjem baqa' jigi indikat bhala PJ02;

Fuq il-bazi ta' dawn il-fatti u ta' ohrajn in atti l-Qorti taghmel dawn id-deduzzjonijiet:-

(1) Qabel xejn ma tarax l-importanza tal-bosta fatturi u ricevuti (fol. 51 sa fol. 108) esebiti fl-atti in kwantu dawn jirrisalu ghall-epoka (1993) meta l-kumpanija tal-konvenut kienet ghadha ma twelditx;

(2) Jassumi importanza pero` l-fatt illi l-Code Number PJ02 qatt ma nbidel minn dak originarjament stabbilit qabel il-formazzjoni tal-kumpanija, ghax dan jillustra, anke fuq l-ispjegazzjoni ta' Rosario Bonnici fl-Affidavit tieghu a fol. 49, illi l-konvenut naqas li jinforma lis-socjeta` attrici bl-ezistenza ta' din il-kumpanija ghall-iskop tat-tibdil tal-Code tieghu;

(3) Hekk ukoll jassumi importanza c-*cheque* datat 31 ta' Ottubru 2001 mahrug mill-akkont bankarju personali tal-konvenut. Huwa veru li l-konvenut jittanta jispjega l-hrug ta' dan ic-*cheque* bl-iskuzanti illi la l-kumpanija kienet in procint ta' xoljiment huwa ma riedx ikompli jigbed mill-*accounts* tal-kumpanija. Huwa veru wkoll illi l-konvenut esebixxa kopji ta' cekkijiet (fol. 25 sa fol. 42) rapprezentanti hlasijiet mill-kumpanija, imma, kif saput kull persuna tista' thallas id-dejn ta' haddiehor u allura f' assenza ta' provi ohra konkreti li jsostnuha, din il-prova ma tistax ghal fatt biss tal-hlas b' dak il-mod, titqies adegwata biex tissorreggi l-linja difensjonali li n-negozji saru ta' bilfors mal-kumpanija jew li dan kien hekk maghruf mis-socjeta` attrici;

(4) Ikollu jinghad imbaghad illi l-ittrra tal-11 ta' Ottubru 2002, li tant jikkampa fuqha l-konvenut, ma taghmelx prova konvincenti illi s-socjeta` appellata kienet taf bl-ezistenza tal-kumpanija. Dan ghal motiv li dik l-ittra indirizzata lill-kumpanija tal-konvenut ma kientx hlief b' risposta ghal dik l-ohra presumbilment tal-kumpanija Peresso Aluminium Ltd, tal-25 ta' Settembru 2002, kif hekk mill-istess risposta jidher evidenti li hu l-kaz;

Minn dan kollu kkonsidrat din il-Qorti ghandha dubbji serji kemm tabilhaqq is-socjeta` attrici kienet xjenti mill-fatt illi l-konvenut kien qed jinnegozja f' isem is-socjeta` tieghu u mhux f' ismu personalment. Ghallanqas, jista' jinghad illi

l-konvenut ma rnexxielux jeghleb l-presunzjoni *juris tantum* affermata mill-gurisprudenza illi persuna normalment tikkuntratta ghaliha nnifsha sakemm ma ggibx a konjizzjoni tal-kontraent l-iehor illi hi qeghda tinnegozja f' isem haddiehor jew li l-kontraenti l-iehor kien ragjonevolment konsapevoli li dan kien hekk il-kaz. Fuq l-aspetti tad-dritt in materja ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Frar 2006 fl-ismijiet "**Emanuel Spiteri *et nomine* -vs- John Peresso *et***";

Kemm mill-fatti probatorji accennati, kif ukoll fil-konsiderazzjoni tal-principji tad-dritt, bil-kontra ta' dak asserit mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tara li ma jezistux elementi idoneji li jiggustifikaw il-konvinciment raggunt fis-sentenza appellata. Konsegwentement ser tghaddi biex tilqa' l-appell lilha fuq it-tieni aggravju. Huwa xieraq, pero`, li l-atti jigu rimessi lura lill-ewwel Qorti biex din tikkonsidra z-zewg eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut u l-mertu tat-talba tas-socjeta` attrici. B' hekk ukoll ma tintilefx l-opportunita` lill-partijiet tad-*doppio esame*.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' t-tieni aggravju fl-appell tas-socjeta` attrici u b' hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti ghat-trattazzjoni u decizjoni taghha tal-mertu tat-talba tas-socjeta` attrici fl-ambitu ta' l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenut. L-ispejjez taz-zewg istanzi fuq dan l-incident ghandhom jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------